**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.**

Seduta ta' nhar it-13 ta' Jannar 2025

Avviż Numru: 247/2020NHV

**Joseph Cuschieri** (KI441646M)
u
**Maria Carmela Cuschieri** (KI976548M)

**vs.**

**Adrian Caruana** (KI218375M)
u
**Anna Maria Caruana** (KI565879M)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat nhar l-14 ta' Diċembru 2020[1], kif korrett wara d-digriet ta' din il-Qorti tat-03 ta' Mejju 2023[2], li permezz tiegħu, ir-rikorrenti talbu l-ħlas tas-somma rappreżentanti l-valur tal-mobbli proprjetà tar-rikorrenti, liema valur ma jeċċedix il-ħmistax-il elf (€15,000) ewro, flimkien mal-imgħax sad-data tal-ħlas

[1] fol. 1 tal-proċess;
[2] fol. 159 tal-proċess;

effettiv, spejjeż ta' din il-kawża, tal-mandat ippreżentat kontestwalment mal-Avviż, kif ukoll l-ispejjeż tal-atti ġudizzjarji preżentati mill-atturi bin-numri 3743/2020 u 3670/2018 rispettivament.

Ir-rikorrenti ddikjaraw li din is-somma dovuta lilhom mill-intimati tirrapreżenta ħwejjeġ li l-konjuġi Cuschieri, inkluż fost l-oħrajn: għamara, appliances, u oġġetti personali oħra tagħhom li nżammu mill-intimati mingħajr ebda dritt jew titolu validu fil-liġi wara li r-rikorrenti kienu żgumbrati mill-fond '14, Flat 1, Triq Bernardette, San Ġwann' u spejjeż żejda inkorsi mir-rikorrenti fl-assenza tal-għamara tagħhom.

Rat li b'digriet tat-28 ta' Diċembru, 2020, appuntat l-avviż għas-smiegħ għas-seduta tal-04 ta' Marzu, 2021.

Rat li mill-atti jirriżulta li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-avviż, kif ukoll bl-avviż tas-smigħ.

Rat ir-**Risposta** tal-intimati, ippreżentata nhar il-25 ta' Jannar 2021[3], li permezz tagħha laqgħu għat-talbiet attriċi billi eċċepew:

> "1. ILLI t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda interament bl-ispejjeż kontra r rikorrenti stante illi l-istess talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi assolutament mhux minnu li r-rikorrenti għandhom xi pretensjoni fil-konfront tal-esponenti f'din il-kawża u dana kif ser jigi spjegat f'dina r-risposta u wkoll provat fil-mori tal- kawza;
>
> 2. ILLI t-talba tar-rikorrenti mhiex ġustifikata u mhiex imsejsa fuq ebda bażi legali,
>
> 3. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, kwalunkwe għamara, appliances, u oġġetti li hemm fil-fond residenzjali tal-esponenti bl-indirizz, flat 1, Triq Bernardette, San Ġwann, jappartjeni lill-istess esponenti u bl-ebda mod ma jappartjeni lir-rikorrenti;
>
> 4. ILLI dejjem bla ebda preġudizzju ghal dak suespost, kien biss b'sens ta' rispett lejn ir-rikorrenti li l-esponenti ippermettew illi l-istess rikorrenti jabitaw f'darhom ghal ħmistax (15)-il sena shah bla ebda

[3] fol. 14 tal-proċess;

titolu validu fil-liġi u konsegwentament hija inveritiera l-allegazzjoni magħmula mir-rikorrenti illi huma sfaw żgumbrati mill-istess fond.

5. ILLI wkoll bla preġudizzju għal dak suespost ir-rikors tar-rikorrenti huwa mezz li bih l-istess rikorrenti għandhom l-għan u l-mottiv li jintimidaw lill-esponenti, stante illi kif ser jirriżulta tul din il-kawża, mhux minnu li r-rikorrenti għandhom jitħallsu xi somma inkella jieħdu xi ħaġa li tinsab fil-fond proprjetà tal-esponenti;

6. ILLI dejjem bla pregudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti ħadu ħwejjighom kollha magħhom meta telqu minn ġewwa l-fond residenzjali tal-esponenti u għalhekk mhux minnu li għandhom x'jieħdu mill-istess fond.

Salv eċċezzjonijiet oħra ulterjuri permessi mil-Liġi jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta[4].

Rat il-**provi** kollha mressqa mir-rikorrent fejn **Christine Favaretto**, bint ir-rikorrenti, xehdet permezz ta' affidavit[5], fejn qalet li l-ġenituri tagħha kienu marru jgħixu flimkien mal-intimati li jiġu oħtha u r-raġel t'oħtha fis-sena 2001, u dan wara li l-ġenituri tagħha kien biegħu l-post tagħhom. Tindika li kien hemm żmien li anke ħuha kien qiegħed jgħix hemm. Tgħid li missierha kien mela' l-post tal-intimati bl-għamara tiegħu li kien ħa mill-fond li kien għadu kif biegħ. Tgħid li l-ġenituri tagħha kienu jieħdu ħsieb lil ulied l-intimati u anke jixtrulhom l-affarijiet peress li l-intimati ma kienux ikunu d-dar il-ħin kollu. Tirreferi għal inċident li nqala' f'Lulju 2018 fejn wara dan l-inċident ir-rikorrenti kellhom jitilqu mir-residenza fejn kienu ilhom jgħixu mis-sena 2001 u ma kellhomx fejn imorru joqgħodu u aċċettat li żżommhom għandha sakemm sabu post biex jikru Għawdex, u wara marru jgħixu l-Mellieħa. Tgħid ukoll li kulma kienet ħadet tal-ġenituri tagħha kienu xi ħwejjeġ, u li l-intimati żammew ħwejjeġ u għamara li kienu tal-ġenituri tagħha.

---

[4] fol. 197;

[5] fol 21 sa 23 tal-proċess;

Xehed ukoll permezz ta' affidavit, ir-rikorrent **Joseph Cuschieri**,[6] fejn stqarr li flimkien mal-mara tiegħu, kienu biegħu l-appartament tagħhom fis-sena 2001 u kienu marru jgħixu flimkien mal-intimati wara li Anna Maria Caruana kienet qaltilhom biex imorru jgħixu magħhom. Jgħid din il-proprjetà kienet battala mill-għamara u għalhekk offra lil bintu biex jieħu l-għamara li kellu fil-fond li kien għadu kif inbiegħ, fl-appartament tal-intimati, u kienu mlewlhom l-appartament b'dawn oġġetti. Jgħid illi tul iż-żmien li kien jgħix mal-intimati, hu flimkien mal-mara kien jieħu ħsieb lil ulied l-intimati u kienu jagħmlu xogħol tad-dar, kienu wkoll iħallsu għal nofs l-ispejjeż tad-dar. Jirreferi għal inċident li seħħ f'Lulju 2018 fejn jgħid li sfaw imkeċċija mir-residenza fejn kienu ilhom jgħixu għal tmintax-il sena u spiċċaw b'xejn, u li l-intimati tawhom biss xi lożor. Wara dan l-inċident marru jgħixu għand binthom l-oħra għal madwar xahar u sabu post tal-kiri ġewwa Għawdex fejn damu għal erba' xhur imbagħad marru jgħixu ġo post ieħor tal-kiri ġewwa l-Mellieħa. Jirreferi għaż-żewġ ittri uffiċċjali li ġew ippreżentati fejn interpellaw lill-intimati biex jirritornaw l-affarijiet u l-għamara, iżda l-intimati baqgħu inadempjenti, ħlief għal xi affarijiet bħal lożor u ħwejjeġ. Ir-rikorrent jelenka l-għamara u l-oġġetti b'referenza wkoll għall-mandat ta' deskrizzjoni u ritratti meħuda, u jindika l-affarijiet li huma tiegħu u ta' martu, u dawk li mhumiex. Reġa xehed ir-rikorrent permezz ta' affidavit addizzjonali[7], fejn żied li l-kera mensili li kienu qed iħalsu mill-bidu tas-sena 2019 sa April 2022 kienet ta' €550[8] u li l-post kellu jkun wieħed furnished peress li l-għamara tagħhom kollha kienet baqgħet miżmuma mill-intimat. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll rapport intitolat 'Victim Impact Statement'.

Xehdet ir-rikorrenti **Maria Carmela Cuschieri**, permezz ta' affidavit,[9] fejn ikkonfermat dak li stqarr ir-raġel tagħha Joseph, u ttenni li tul iż-żmien li għexu flimkien mal-intimati, kienu jgħinuhom fil-ħajja ta' kuljum u li ta' spiss kienu jagħtuhom xi ħaġa tal-flus. Flimkien mal-lista tal-affarijiet li indika żewġha, tirreferi wkoll għall-purtieri u għall-bibien. Tgħid illi peress li kien għadda żmien minn meta talbu l-affarijiet lura, huma intavolaw din il-kawża biex jieħdu lura l-valur tal-affarijiet li żammew għandhom l-intimati.

Ġew ippreżentati kopji tal-ittra uffiċċjali bin-numru 3670/2018 (notifikata), l-ittra uffiċċjali bin-numru 3743/2020 (notifikata), mandat ta' sekwestru bin-numru 1820/2020 u mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 1821/2020, u t-taxxa uffiċċjali relattiva għal kull att ġudizzjarju.[10]

---

[6] fol 25 sa 29 tal-proċess;

[7] fol. 87 tal-proċess;

[8] Jiġi nnutat li fil-kopja tal-iskrittura ta' kera l-valur ta' €550 huwa maqsum għal €400 bħala kera u €150 bħala spejjeż ta' dawl u ilma – fol. 90 tal-proċess;

[9] fol. 30 tal-proċess;

[10] fol. 32 sa 65 tal-proċess;

Rat li fi-18 ta' Ottubru 2021,[11] il-Qorti diversament presjeduta ħatret lil Robert Ciantar bħala espert tal-Qorti sabiex jagħmel valutazzjoni tal-oġġetti indikati fin-nota tar-rikorrenti ddatata 7 ta' Ottubru 2021[12] u dan wara li l-istess perit espert jaċċedi fuq il-fond.

Rat ir-rapport tal-perit espert **Robert W Ciantar** datat it-3 ta' Diċembru 2021 u kkonfermat bil-ġurament tiegħu u ppreżentat nhar it-08 ta' Lulju 2022[13], fejn ikkonkluda li l-valur tal-oġġetti imsemmija mir-rikorrenti huwa ta' €3,345.

Rat li r-rikorrenti ddikjaraw li għalqu l-provi permezz ta' nota ppreżentata nhar it-22 ta' Settembru 2022[14].

Rat il-provi kollha mressqa mill-intimati fejn **Anna Maria Caruana**, waħda mill-intimati xehdet permezz ta' affidavit,[15] fejn stqarret li fis-sena 2003/2004, hi flimkien ma' żewġha offrew lill-ġenituri tagħha biex imorru jgħixu magħhom, u dan wara li r-rikorrenti kienu biegħu l-fond residenza tagħhom u li ħadd minn ħutha ma ried iżommhom magħhom. Ir-rikorrenti laqgħu din l-offerta u kienu offrewlhom li jieħdu l-għamara tagħhom peress li min kien xtara l-għamara ma kienx riedha. L-intimata tgħid li kienet aċċettat din l-għamara għaliex ma kellhiex għalfejn tintrema, u għalhekk tinsisti li missierha kien taha l-għamara. Tgħid ukoll li kien hemm xi għamara li tpoġġiet fil-garaxx tal-intimati, liema għamara kienet inbiegħet mir-rikorrenti minkejja li kienet ukoll parti mill-għamara li l-ġenituri tagħha kienu tawha meta marru jgħixu magħha. Tispjega illi tul iż-żmien li kien jgħixu flimkien kien jaqsmu l-ispejjeż tal-ħajja, iżda l-manutenzjoni tad-dar kienu jħallsu għaliha l-intimati biss peress li l-fond huwa tagħhom biss. Tindika li kien hemm żmien li ma kienux biss ir-rikorrenti li kien jgħixu flimkien magħha u żewġha iżda anke ħuha, li ma kienx jikkontribwixxi għall-ispejjeż. Tirreferi għal inċident li seħħ f'Lulju 2018, u tispjega li kienet talbet lil oħtha biex il-ġenituri tagħha jmorru jorqdu għandha dakinhar u minkejja li kienet stednithom jerġgħu jmorru lura għandha, kienet marret oħt l-intimata biex tiġbor il-ħwejjeġ tar-rikorrenti. Tgħid illi r-rikorrenti kienu talbu għall-affarijiet minkejja li tinsisti li l-għamara kienu tawhielha l-ġenituri tagħha stess u għalhekk kienet tagħha u xi ftit żmien wara l-intimata kienet għaddiet xi affarijiet lir-rikorrenti bħal lożor u piġami u xi affarijiet tad-dar, li kienu nġabru għall-ħabta ta' Novembru 2018.

---

[11] fol. 76 tal-proċess;

[12] fol. 74 u 75 tal-proċess;

[13] fol. 98 sa 133 tal-proċess;

[14] fol. 145 tal-proċess;

[15] fol. 156 sa 158 tal-proċess;

Xehed l-intimat **Adrian Caruana**, ukoll permezz ta' affidavit[16], fejn qal li r-rikorrenti marru jgħixu miegħu u ma' martu peress li r-rikorrenti biegħu l-proprjetà tagħhom u kienu ħadu l-għamara magħhom. Kien hemm xi għamara li tpoġġiet fil-garaxx tal-intimati u qatt ma tħallset kera għaż-żamma ta' dawn l-affarijiet. Jinsisti li tul iż-żmien ir-rikorrenti kienu taw l-għamara lill-konjuġi Caruana u mhux selfuhielhom. Jikkonferma li kienu jaqsmu l-ispejjeż tal-ħajja u l-kontijiet tad-dawl u ilma, waqt li spejjeż relatati mal-proprjetà nnifisha kienu jħallsuha l-konjuġi Caruana biss. Jirreferi għal inċident li nqala' xi ħmistax-il sena wara li r-rikorrenti bdew jgħixu miegħu u mal-mara tiegħu u jgħid li r-rikorrenti kienu ħadu l-opportunità biex jitilqu peress li Anna Maria ma kienitx qed tkellem lil ħuha. Jinsisti li r-rikorrenti kienu żammew iċ-ċavetta tar-residenza tagħhom għall-fond għal xi ġimgħat. Jistqarr li Christina Favaretto kienet ġabret xi affarijiet u ħwejjeġ tar-rikorrenti fl-10 u 11 ta' Lulju 2018. Jirreferi għall-ittra uffiċċjali ta' Ottubru 2018 fejn ir-rikorrenti talbu l-mobbli lura, u jgħid li minkejja li l-affarijiet kienu tagħhom, l-intimati għażlu li jagħtu lir-rikorrenti xi affarijiet. Jgħid li hu ma kienx iżomm l-għamara u l-oġġetti fid-dar tiegħu li kieku r-rikorrenti ma tawhomx lill-intimati u ma kienux tiegħu.

Iben l-intimati **Ian Caruana**, xehed permezz ta' affidavit[17], fejn irrefera għall-10 ta' Lulju 2018 u l-għada meta z-zija tiegħu marret tiġbor l-ħwejjeġ tar-rikorrenti. Jirreferi għall-ittra uffiċċjali li l-ġenituri tiegħu rċevew f'Ottubru 2018 fejn intalbu mir-rikorrenti jirritornaw l-għamara li jgħid li r-rikorrenti kienu taw lill-intimati ħmistax-il sena qabel. Jgħid li f'Novembru 2018, il-ġenituri tiegħu kien għaddew xi affarijiet oħra lir-rikorrenti, u li Joseph Cuschieri kien ra x'kien hemm fil-kaxxi u l-boroż u ħadhom mingħajr ma oġġezzjona.

Rat li l-intimati ddikjaraw li m'għandhomx aktar provi x'iressqu fis-seduta miżmuma nhar it-03 ta' Mejju 2023.[18]

In **kontro-eżami**[19], l-intimat **Adrian Caruana** jerġa' jikkonferma li għall-ħabta tas-sena 2003/2004, hu u martu kienu stiednu lir-rikorrenti sabiex jgħixu magħhom peress li r-rikorrenti kienu biegħu d-dar tagħhom. Jgħid li kellhom kċina, kamra tas-sodda, mejda u s-siġġijiet, jinsisti li kellhom kull għamara li kellhom bżonn. Jinsisti li ħut il-mara ma kienux riedu jżommu lir-rikorrenti meta spiċċaw bla dar u dawn marru jgħixu mal-intimati, u peress li r-rikorrenti ma kellhomx fejn jagħmlu l-għamara u kienu taw din l-għamara lill-intimati għaliex inkella kienet se tintrema'. Kien hemm xi għamara li l-intimati żammew fil-garaxx tagħhom ukoll. Jerġa jsostni li d-dar tiegħu

[16] fol. 166 u 167 tal-proċess;

[17] fol. 163 tal-proċess;

[18] fol .159 tal-proċess;

[19] fol. 171 sa 179 tal-proċess;

ma hijiex store u li għalhekk l-għamara kien żammha għaliex ir-rikorrenti kienu tawha lilu u lil martu, peress inkella kienet se tintrema'. Jgħid li tul il-ħmistax-il sena li damu jgħixu magħhom, ir-rikorrenti qatt ma ħallsu kera, iżda biss jaqsmu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-ispejjeż ta' kuljum. Qal li kien hemm żmien għal xi ħames snin li anke ħu l-mara kien jgħix magħhom u li ma kienx iħallas jew jikkontribwixxi. Meta mistoqsi in kontro-eżami jekk keċċiex lir-rikorrenti huwa jinsisti li hu ma keċċiehomx u kienet għażla tar-rikorrenti li jitilqu u tawh lura ċ-ċwievet xi ġimgħat wara. Jerġa' jsostni li r-rikorrenti kienu taw l-għamara lill-intimati, u jikkonferma li qatt ma ġiet iffirmata xi skrittura rigward l-għamara.

L-intimata **Anna Maria Caruana**, xehdet in kontro-eżami[20] fejn ikkonfermat li kienet aċċettat li żżomm lill-ġenituri tagħha fid-dar tagħha wara li dawn kienu biegħu d-dar tagħhom u ma kellhomx fejn joqgħodu, għaliex anke ħutha ma riedux iżommuhom. Ikkonfermat li l-ispejjeż tad-dawl u ilma kienu jaqsmuhom, u li r-rikorrenti kienu jżommu lit-tfal tagħhom l-intimati kienu jkunu xogħol. Tikkonferma lir-rikorrenti kienu ħadu magħhom għamara u affarijiet ta' dekorazzjoni meta marru joqgħodu mal-intimati. Tinsisti illi r-rikorrenti kienu tawhom din l-għamara u l-oġġetti tad-dar għaliex r-rikorrenti ma kellhomx fejn jagħmluha u kienet se tintrema', u għalhekk aċċettat li jieħduhom. Tinsisti li huma qatt ma keċċew lir-rikorrenti u li kienet lesta tkompli żżommhom magħha anke wara l-inċident li nqala' bejn il-ġenituri tagħha u r-raġel tagħha f'Lulju 2018. Tgħid illi r-rikorrenti kienu dejjem jhedduha li jitilqu, kull darba li jinqala' xi diżgwid. Hi tinsisti li qatt ma keċċiethom, tant illi ċ-ċwievet irritornawhom wara ż-żmien, u li anke wara l-inċident kienet kellmet lil ommha u qaltilha biex ir-rikorrenti jmorru lura jgħixu magħhom, u tgħid li ommha qaltilha li mhux se jmorru lura għaliex se jmorru jgħixu ħdejn ħuha. Meta mistoqsija dwar l-affarijiet, tgħid li kienu ħadu l-ħwejjeġ tagħhom u li l-għamara ma kienux ħaduha.

In kontro-eżami, ix-xhud **Ian Caruana**, iben l-intimati,[21] jikkonferma li kellu tliet snin biss meta marru jgħixu r-rikorrenti fir-residenza tal-ġenituri tiegħu, u kien hemm anke zijiet tiegħu jgħixu magħhom għal xi żmien. Jinsisti, anke meta mistoqsi in kontro-eżami, li r-rikorrenti taw l-għamara lill-ġenituri tiegħu.

Ir-rikorrent, **Joseph Cuschieri**, xehed in kontro-eżami[22] fejn insista li ċ-ċavetta żammha għal xi jumejn tlieta u mhux ħmistax kif qalu l-intimati, u li mhuwiex vera li daħal fil-post diversi drabi wara li ma baqgħux jgħixu hemm, qal li daħal darba u jinsisti li l-intimati kienu keċċewhom. Jinsisti wkoll li l-għamara kienet tiegħu u li kien ħadha miegħu meta telaq mid-dar tiegħu u mar jgħix mal-intimati. Meta mistoqsi li ħa l-

[20] fol. 180 sa 185 tal-proċess;

[21] fol. 186 sa 188 tal-proċess;

[22] fol.190 sa 196 tal-proċess;

għamara miegħu minflok intremiet, jgħid li kien jaħdem ma' irkantatur u kien jaf x'irid jagħmel bl-għamara. Jgħid li ħadha miegħu biex jimlilhom il-post. Ikkonferma li t-tifel tiegħu kif ukoll it-tifla u t-tifla tagħha wkoll marru jgħixu għal xi żmien fid-dar tal-intimati u qatt ma ħallsu kera. Jgħid li tul il-ħmistax-il sena jgħixu hemm hu u l-mara tiegħu kienu qisuhom sefturi jżommu t-tfal tal-intimati, isajru, jiġbru lit-tfal u jwassluhom mingħajr ma jitħallsu. Xehed li minħabba li l-intimati żammew l-għamara huwa kellu jixtri għamara biex jimla' l-post li huwa ħa post mingħand il-Gvern, u li kellu wkoll iħallas €6,500 bħala kera wara li ma baqgħux jgħixu mal-intimati. Jgħid li qiegħed jippretendi li l-intimati jħallsuh l-kera li huwa ħallas wara li ma baqgħax jgħix magħhom.

Ir-rikorrenti, **Maria Carmela Cuschieri**, xehdet in kontro-eżami[23] fejn insistiet li kienu tkeċċew mill-intimati u mhux telqu minn rajhom. Tgħid li mhux minnu li żammew iċ-ċavetta tal-appartament. Tikkonferma wkoll li qatt ma ħallsu kera tul iż-żmien li għexu mal-intimati, u ma tafx għaliex qiegħda titlob il-flus li weħħlu għall-kera wara li telqu minn mal-intimati.

Rat li l-partijiet ippreżentaw is-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom[24], ukoll ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom verbalment fis-seduta miżmuma nhar l-10 ta' Lulju 2024.[25]

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-kawża titratta talba għal ħlas ta' somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti bħala kumpens għal għamara u oġġetti li żammew l-intimati minkejja li r-rikorrenti qegħdin jgħidu li huma tagħhom, u spejjeż żejda inkorsi mir-rikorrenti fl-assenza tal-għamara tagħhom.

Illi in suċċint irriżulta li r-rikorrenti kienu jgħixu mal-intimati għal żmien ta' xi ħmistax-il sena, u meta kienu marru jgħixu flimkien mal-intimati kienu ħadu xi għamara u oġġetti tad-dar magħhom. Tul dan iż-żmien huma ma ħallsux kera u kienu jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-ħajja, dawl u ilma, u billi jgħinu fit-trobbija tat-tfal tal-intimati, tindif,

[23] fol. 202 sa 204 tal-proċess;
[24] Sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti a fol. 205 sa 210, u tal-intimati a fol. 211 sa 223;
[25] fol. 227 sa 230 tal-proċess;

tisjir u ħasil tad-dar; kienu anke għexu magħhom għal xi żmien, it-tfal l-oħra tar-rikorrenti.

Il-partijiet pjuttost qablu fuq dawn il-fatti, li ma qablux huwa dwar jekk l-għamara u l-oġġetti tad-dar kienux baqgħu proprjetà tar-rikorrenti meta ħaduhom magħhom fid-dar tal-intimati,[26] jew min-naħa l-oħra jekk ir-rikorrenti kienux irregalaw din l-għamara u dawn l-oġġetti lill-intimati meta l-istess rikorrenti biegħu d-dar tagħhom u marru jgħixu flimkien magħhom.[27]

Tikkonsidra li minkejja t-tieni eċċezzjoni tal-intimati, kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li r-rikorrenti rreferew għall-artikolu fil-liġi li fuqhom kienu qegħdin isejsu dawn il-proċeduri u ċioe' l-Artikoli 556 u 557 tal-Kodici Civili li jipprovdu:

> "*556.(1) Il-pussessur ta' mala fidi hu obbligat, dejjem, irodd il-ħwejjeġ kollha li jkun okkupa inġustament,*
>
> *(2) Kemm-il darba dan il-pussessur ma jkunx baqa', min rajh jew bi ħtija tiegħu, jippossjedi xi waħda minn dawk il-ħwejjeġ, hu obbligat irodd lill-attur il-profitt li jkun għamel minnha, jew, kif jagħżel l-attur, iħallas lil dan, il-valur tal-ħaġa fiż-żmien li ma jkunx baqa' jippossjediha jew il-valur tagħha fiż-żmien tat-talba, skont liema jkun l-akbar, għad illi, f'dan il-każ, hu ma jkun ħa ebda profitt minnha. Il-pussessur ta' mala fidi jwieġeb għall-ħsarat li jiġru b'għemilu.*
>
> *557. Il-pussessur ta' mala fidi hu obbligat ukoll għall-ħsara tkollha li jiġru b'għemilu, kif ukoll għal dawk li jiġru b'aċċident, kemm-il darba, ikun liema jkun il-mod li bih ħa l-pussess tal-ħaġa,ma jippruvax li dik il-ħaġa kienet xorta waħda tispiċċa jew titgħarraq li kieku kienet f'idejn sidha.*"

Għalhekk il-Qorti se tgħaddi biex tevalwa jekk effettivament jissustix l-obbligu għall-ħlas ta' kumpens tal-mobbli ai termini tal-Artikoli hawn imsemmija.

L-obbligu li jinkombi fuq il-pussessur in mala fede, ai termini tal-Artikolu 556(1) li fuqu jidher li qiegħdin isejsu t-talba tagħhom ir-rikorrenti huwa li "**irodd il-ħwejjeġ kollha li jkun okkupa inġustament.**"

[26] Il-pożizzjoni tar-rikorrenti;
[27] Il-pożizzjoni tal-intimati;

F'dan il-każ, ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet u fit-trattazzjoni orali li saret mill-abbli difensur tagħhom jsostnu li l-intimati żammew l-għamara u l-oġġetti minkejja li talbuhomlhom lura, u għalhekk l-intimati kienu qegħdin jippossjedu dawn l-oġġetti in mala fede; waqt li l-intimati jilqgħu u jinsistu kemm permezz ta' xhieda prodotti kif ukoll fis-sottomissjonijiet mressqa mill-abbli difensur tagħhom li dan qatt ma seta' jseħħ peress li l-għamara u l-oġġetti kienu ġew regalati lilhom mir-rikorrenti stess.

Illi huwa prinċipju stabbilit illi għandu jkun ir-rikorrent li jipprova l-fatti minnu premessi sal-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili u cioe fuq bilanċ ta' probabilitajiet.

Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-17 ta' Marzu 2003, fis-sentenza fl-ismijiet Enrico Camilleri vs. Martin Borg (Rik. Nru. 478/2000) tipprovdi:

> *"…kif paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija bizzejjed, bħala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet".*

Għalhekk, il-Qorti hija tenuta li tgħarbel l-verżjonijiet lilha prodotti biex tasal għal konkluzzjoni jekk waħda minnhom teskludiex jew twaqqax lill-verżjoni l-oħra fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.

Illi jekk wieħed kellu jaċċetta l-pożizzjoni tar-rikorrenti li l-intimati żammew l-affarijiet kontra l-volontà tagħhom u għalhekk kienu in malafede, l-obbligu li għandhom l-intimati ai termini tal-Artikolu 556(1) tal-Kap 12 huwa li jirritornaw lura l-affarijiet.

Irriżulta li l-affarijiet imsemmija mir-rikorrenti għadhom fil-pussess tal-intimati, tant illi anke saret valutazzjoni tagħhom mill-perit espert wara talba tal-istess rikorrenti. Għalhekk peress li l-affarijiet għadhom fil-pussess tal-intimati, ma jiskattax l-obbligu msemmi fl-Artikolu 556(2) tal-Kodiċi Ċivili u ċioè li l-pussessur in mala fede għandu jħallas ta' għemilu, iżda jiskatta l-obbligu msemmi fl-Artikolu 556(1) li jintraddu lura l-ħwejjeġ kollha li huwa okkupa inġustament.

Illi rriżulta kemm mit-talba kif dedotta fir-rikors promotur kif ukoll mill-provi prodotti, li r-rikorrenti qiegħdin jitolbu ħlas għall-kumpens u mhux għar-radd lura tal-oġġetti.

Illi l-Artikolu 532 tal-Kapitolu 12 jagħti preżunzjoni *juris tantum* fil-konfront ta' kull min jipposjedi li *"għandu dejjem jingħad li wieħed huwa bona fidi, u min jeċċepixxi l-mala fidi għandu jippruvaha."*

Illi għalhekk kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprovaw il-mala fede tal-intimati, li dawn tal-aħħar baqgħu jippossjedu oġġetti li mhux tagħhom minkejja li ġew mitluba jirritornawhom.

Mill-provi kif prodotti, il-pożizzjoni tal-intimati li l-affarijiet ġew mgħotija lilhom fiż-żmien li r-rikorrenti marru jgħixu flimkien mal-intimati, ma ġietx imxejna, anzi mill-assjem tal-provi jidher li din kienet għamara li ntużat tul iż-żmien kollu li r-rikorrenti għexu mal-intimati, għal xi ħmistax-il sena, u kien hemm oġġetti li huma aktar antiki anke mir-ritratti li r-rikorrenti stess ippreżentaw. Mill-provi ma rriżultax li tul dawn is-snin kollha kien hemm talba jew dikjarazzjoni jew xi forma ta' asserzjoni mir-rikorrenti li dawk l-affarijiet huma tagħhom, tant illi anke wild l-intimati jinsisti kemm fl-affidavit tiegħu kif ukoll fil-kontro-eżami tiegħu li kienu n-nanniet stess li taw dawn l-affarijiet lill-ġenituri tiegħu u jinsisti li dan qaluhulu kemm il-ġenituri tiegħu kif ukoll in-nanniet tiegħu.[28]

Illi mill-provi kif prodotti, il-Qorti tara li hemm aktar verosimiljanza fil-pożizzjoni tal-intimati u ċioè li l-affarijiet kienu mogħtija lill-intimati mir-rikorrenti, meta dawn tal-aħħar kienu biegħu l-proprjetà immobbli tagħhom u marru b'mod gratwit jgħixu mal-intimati fir-residenza tal-intimati.

Illi fi-rigward ta' dak li xehed ir-rikorrent fl-affidavit addizzjonali tiegħu fejn jgħid li qiegħed jippretendi li permezz ta' dawn il-proċeduri jiġi "kkumpensat kemm tal-għamara li nżamm[et] mingħand Caruana kif ukoll għall-kera li ħalls[u] mill-2019 sa issa fil-valur ta' ħames mija u ħamsin euro (€550) fix-xahar fis-snin 2019, 2020, 2021 u sa April 2022", il-Qorti tinnota illi din it-talba tinkwadra fit-talba wara li ġie emendat l-avviż sabiex żdied il-kliem, "spejjeż żejda inkorsi mir-rikorrenti fl-assenza tal-għamara tagħhom".

Illi f'punt minnhom, ir-rikorrenti kienu qed jitolbu l-kera sħiħa[29], filwaqt illi f'punt ieħor it-talba kienet għad-differenza fil-kera bejn il-fond furnished li krew għal dak li kienu jħallsu kieku kellhom bżonn unfurnished[30].

Jekk it-talba hija għall-kera sħiħa, il-Qorti ma tifhomx għab-bażi ta' liema prinċipju legali tista' tirnexxi t-talba tar-rikorrent għal ħlas ta' din il-kera. Irriżulta li l-intimati żammew lir-rikorrenti jgħixu magħhom b'mera tolleranza għal madwar ħmistax-il sena. Titolu legali għall-okkupazzjoni tal-fond ma kienx hemm, la kirja, la dritt t'abitazzjoni, kwindi huma għexu hemmhekk flimkien mal-familja tal-intimati b'mera

[28] fol. 186 u 187 tal-proċess; – "Qaluli ommi u missieri u ankè lin-nanniet smajthom jitkellmu."

[29] Bħalma xehed ir-rikorrent, appena ċċitat;

[30] Dana bħalma jirriżulta fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

tolleranza. Illi m'hemmx dubju li matul iż-żmien ir-rikorrenti pprestaw diversi serviġi lill-intimati kemm fiż-żamma tad-dar, kif ukoll fit-trobbija ta' uliedhom. [Effettivament hija ħasra kbira li minn familja daqshekk unita, inċident wieħed ħassar kollox b'mod tant estrem li spiċċaw il-Qorti jillitigaw!!] Tajjeb jew ħażin dan l-argument bejniethom seħħ, u r-rikorrenti ġew kostretti (jew għax xtaqu jew għax ġew furzati) jitilqu mid-dar tal-intimati. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa propju l-essenza tal-kunċett ta' mera tolleranza - li fil-mument li dik it-tolleranza tispiċċa, wieħed jieqaf mit-tgawdija ta' dak li kien kiseb bl-istess tolleranza. L-intimati, almenu legalment, [moralment dik tkun kwistjoni oħra li din il-Qorti ma tidħolx fiha] kellhom kull dritt jwaqqfu lir-rikorrenti milli jgħixu magħhom, u ladarba huma aġixxew in konformità mad-drittijiet tagħhom, qatt ma jista' jirriżulta li bl-eżerċizzju tal-isemmi dritt ikkawżaw danni lir-rikorrenti. Illi kwindi t-talba għar-rifużjoni tal-kera, tirriżulta għal kollox infondata.

Jekk it-talba tar-rikorrenti tikkonsisti fid-differenza fil-kera, ġjaladarba, din il-Qorti aċċettat it-teżi tal-intimati, li l-għamara kienet ġiet regalata lilhom, it-talba għad-differenza fil-prezz tal-kera ma tistax tirnexxi. Inoltre, ma ġiex stabbilit x'seta' kien il-valur tal-kirja tal-fond okkupat mir-rikorrent kieku kien unfurnished, għal dak illi kellhom iħallsu ta' post illi kien furnished. Illi inoltre biex tali differenza fil-prezz tal-kera tkun stabbilita b'mod ġust, l-għamara riedet tkun tal-istess valur bħal dik li r-rikorrenti ħallew warajhom fid-dar tal-intimati. Fil-mument li l-għamara tkun aqwa jew agħar, l-eżerċizzju li jistabilixxi d-differenza fil-kirja ma jibqax wieħed ġust. Fi kwalunkwu każ, f'dan l-istadju fejn il-Qorti qiegħda tilqa' l-verżjoni tal-intimati bħala dik veritiera, eżerċizzju f'dan is-sens ikun superfluwu.

**Deċide**

Għaldaqstant, għar-raġunjiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur